- ***KOLLIZJONI –***
- ***RES IPSA LOQUITUR –***
- ***TAHBAT MA KAROZZA IPPARKJATA –***
- ***SKID -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 44**
**Citazzjoni Numru: 2294/98/RCP**

**David Crisp**

**vs**

**Ian Zahra**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fis-16 ta' Settembru 1998, fil-Gharghur, waqt li l-istanti kien isuq *motorcycle* Honda 400 numru DAV – 777 hu safa' nvolout f'incident stradali mal-*car* Fiat numru GAA – 197, li pero' din sfat mitfugha fuq il-*motorcycle* mill-*car* Renault numru CAQ 753 misjuqa mill-konvenut;

Illi b'rizultat tal-incident il-*motorcycle* safa' estensivament dannegjat u l-istanti midrub hafif;

Illi r-riparazzjoni tal-*motorcycle* jiswew elf, u wiehed u disghin lira Maltija (Lm1,091);

Illi l-incident gara minhabba imprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut, izda dan qed jichad htijietu.

Illi l-istess attur talab li ghalhekk l-konvenut, jghid il-ghaliex m'ghandiex din Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b'rizultat tal-istess soffra l-istanti.

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' elf, u wiehed u disghin lira Maltija (Lm1,091) jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorendo bl-opera ta'periti nominandi;

3. Tikkundanna lill konvenut ihallas lill-attur l-ammont likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi Lm10.50 ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tal-assikuraturi tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax minn notifika ta' din ic-citazzjoni kontra il-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 5 tal-process;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut tat-3 ta' Dicembru 1998 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit illi:

1. L-ewwel talba tal-attur ghandha tkun michuda stante li l-incident tas-16 ta' Settembru bejn il-*motorcycle* misjuq mill-attur numru DAV – 777 u l-vettura misjuqa mill-konvenut numru CAQ 753 gewwa Triq ir-Repubblika, Gharghur ma garax htija tal-konvenut eccipjenti izda gara unikament tort tal-konvenut innifsu.

2. Illi t-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi ma' hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur.

3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-attur eccipjenti m'ghandux ikun kundannat ihallas danni lill-konvenut.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-konvenut jissottometti li dak in-nhar tal-incident kienu qed isiru gewwa Triq ir-Repubblika, Gharghur numru ta’ tiswijiet minghajr ebda indikazzjonijiet u wkoll kien hemm tul it-triq kollha ammont kbir ta’ zrar u gebel fin iehor u li l-kawza ta’ dawn ic-cirkostanzi partikolari u kondizzjoni tat-triq sehh l-incident mertu ta’ din c-citazzjoni bil-konsegwenzi kollha.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 11 tal-process.

Rat il-verbali tat-2 ta’ Frar 1999, 5 ta’ Marzu 1999, 3 ta’ Dicembru 1999, 15 ta’ Mejju 2000, 3 ta’ Ottubru 2000, 23 ta’ Novembru 2000, 25 ta’ April 2001, 10 ta’ Mejju 2001, 3 ta’ Lulju 2001, u tat-22 ta’ Novembru 2001

Rat ix-xhieda ta’ P.S. 833 Francis Seychell tat-3 ta’ Dicembru 1999; l-affidavit tal-attur datat 18 ta’ Ottubru 2000; xhieda ta’ Tony Borg tat-3 ta’ Lulju 2001; affidavit ta’ Ian Zahra tat-22 ta’ Novembru 2001; u xhieda ta’ Roberta Falzon tat-22 ta’ Novembru 2001.

Rat l-okkorrenza u l-iskizz esebiti mis-Surgent P.S. 833 Francis Seychell a fol. 26 sa fol. 30 tal-process.

Rat in-nota tal-attur tas-27 ta’ Marzu 2001.

Rat il-verbal tal-20 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza fejn l-attur qed isostni li huwa kien involut f'incident stradali mal-konvenut fit-Triq ir-Repubblika, Gharghur fis-16 ta' Settembru 1998, ghall-liema incident l-istess attur qed jghid li l-konvenut huwa responsabbli, minhabba li dan gara' minhabba negligenza, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parte tal-istess konvenut.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur qed isostni li huwa kien ghaddej mill-istess triq meta il-karozza tal-konvenut li kienet ghaddejja mid-direzzjoni opposta dahlet f'karozza ipparkjata fuq in-naha tal-istess konvenut u bid-daqqa din marret ghal fuq il-mutur tal-attur li kien miexi fuq in-naha tajba u tieghu tat-triq.

Illi din il-versjoni tal-attur tal-incident hija ikkorroborata mill-istess okkorrenza redatta mis-Surgent P.S. 833 Francis Seychell, li kkonferma l-istess fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 1999 li wkoll sostna

li ma din id-deskrizzjoni tal-incident kien qabel ukoll il-konvenut.

Illi fil-fatt l-istess Surgent fix-xhieda tieghu tat-3 ta' Dicembru 1999 qal li:-

*"Il-konvenut Zahra stess qalli li bid-daqqa* (il-karozza ipparkjata) *spiccat fejn tidher fl-isketch. Il-konvenut Zahra qalli li kien hu li habat mal-karozza Fiat li spiccat kif spiccat"*

Illi l-istess attur infatti fl-affidavit tieghu tat-18 ta' Ottubru 2000 spejga hekk l-istess incident:-

*"ma kienx hemm traffiku miexi quddiemi u mill-faccata ma kienx gej traffiku ghajr il-car misjuqa mill-konvenut, renault 19 numru CAQ 753 (kif sirt naf wara l-incident). Dil-car giet mill-faccata b'sahha kbira, fil-proper side, u wara hoss ta' brake, gie hoss ta' daqqa tar-Renault fuq il-Fiat ipparkjata b'mod li din sfat imbuttata u mdawwra b'sahha ghal fuq il-m/cycle tieghu u, naturalment fuqi".*

Illi fil-fatt din il-versjoni taqbel perfettament mal-versjoni li l-istess attur ta lis-Surgent *a tempo vergine* waqt l-investigazzjonijiet tal-pulizija ezatt wara l-kollizjoni tant li fl-istess okkorrenza a fol. 26 sa 28 tal-process jinghad is-segwenti:-

*"Ix-xufier stqarr li waqt li kien tiela' minn Vjal ir-Repubblika, vettura CAQ 753 li kienet gejja mill-oppost tieghu habtet go vettura GAA 197 li kienet ipparkjata u bid-daqqa dahlet fih".*

Illi inoltre l-iskizz relattiv anness mal-istess okkorrenza u esebit bhala Dok. "FGC1" a fol. 30 tal-process jixhed din id-dinamika tal-istess incident, b'dan li in vista tax-xhieda tal-istess attur, is-surgent u wkoll l-istess konvenut, jikkonfermaw li l-karozza Fiat reg. No. GAA – 197 kienet ipparkjata fuq ix-xellug tal-karozza misjuqa mill-konvenut, liema karozza tal-konvenut dahlet ghal xi raguni fuq il-karozza ipparkjata, li bl-impatt imbezqet ghall fuq in-naha l-ohra tat-triq minn fejn kien gej l-attur u sar l-impatt.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi, la darba jirrizulta bla ebda dubju li l-konvenut dahal fuq karozza ipparkjata, anke qabel ma' sar l-impatt bejn din l-ahhar karozza u dik tal-attur, jinghad li huwa l-oneru tal-konvenut li jispjega kif il-karozza tieghu waslet biex laqtet karozza ipparkjata, b'mod li jipprova jiggustifika s-sewqan tieghu u jittenta jiskolpa ruhu mir-responsabilita' tal-istess incident, tant li l-istess konvenut jidher li fl-affidavit tieghu qed jipprova jaghmel dan meta sostna li l-incident gara minhabba cirkostanzi indipendenti minnu konsistenti fl-allegazzjoni li huwa ra karozza mill-faccata gejja bi *speed* qawwi u sabiex jevitaha huwa applika l-*brakes* huwa skiddja peress li mat-triq kien hemm ramel fin, mat-triq fejn kienu qed isiru xoghlijiet.

Illi jinghad ukoll li f'cirkostanzi simili meta karozza tispicca tahbat ma' karozza ipparkjata, dan ikun kaz ta' "*res ipsa loquitur*" fejn huwa allura l-oneru tal-konvenut li permezz tal-provi minnu migjuba jipprova jiggustifika l-azzjoni tieghu. Dan gie tenut fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **"Atlas Insurance Agency Company Limited vs Brian Cilia"** (P.A. (RCP) 16 ta' Jannar 2001) u **"Sultana Brothers Transport Limited vs Christopher Camilleri"** (P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2001).

Illi l-istess gie determinat fil-kawza **"Middle Sea Insurance p.l.c. vs Jason Scerri"** (P.A. RCP - 7 ta' Dicembru 2000), fejn il-Qorti sostniet li bla esitazzjoni ta' xejn, thoss li dan huwa kaz ta' *"res ipsa loquitur"*, li l-effett taghha huwa li tisposta l-oneru tal-prova u tohloq bhal speci ta' presunzjoni ta' *"prima facie"* li t-tort huwa ta' wiehed u mhux tal-iehor. (**"John Formosa noe vs Joseph Zammit" -** F.G.C. 30 ta' April 1993; **"Charles Tonna vs Joseph Cassar" -** A.C. 14 ta' Mejju 1971; **"Edgar Zahra vs Carmelo Vassallo"** - A.C. 5 ta' April 1971).

Illi skond il-Gibb para. 90 jinghad illi *"when a stationary car is struck by a moving one, the driver of the moving car is usually liable, and the burden of proof resting on the plaintiff will in such a case not be difficult to discharge".* U dan gie citat fis-sentenza fl-ismijiet **"Lloyds (Malta) Limited vs Anthony Borg"** - P.A. (RCP) 31 ta' Mejju 2000).

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti ma thossx li l-konvenut issodisfa l-oneru ta' prova li kien jinkombi fuqu sabiex jispjega u jiggustifika ruhu kif huwa spicca habat ma karozza ipparkjata fuq ix-xellug tieghu u dan qed jinghad peress li fl-ewwel lok l-allegazzjoni tieghu waqt il-kawza li huwa qabel l-incident applika l-*brakes* peress li ra karozza gejja mid-direzzjoni opposta, hija kontradetta mill-versjoni tieghu ezatt wara li sar l-incident, tant li fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti l-istess Surgent Francis Seychell sostna is-segwenti:-

*"Ghandi nghid illi skond ma qalli l-konvenut kienu biss l-'breaks' ta' quddiem illi rabtulu. Il-'breaks' ta' wara ma rabtulux … … … ma qalliex illi l-van l-iehor li kien gej mill-faccata dahallu fi triqtu jew inkella ghamel xi haga li fixklitu"*

*"Zahra ma taghni l-ebda informazzjoni dwar il-van injot, la indikali l-marka tieghu, la indikali l-kulur tal-van, ma indikali xejn. S'intendi lanqas indikali n-numru tieghu".*

Illi huwa sintomatiku li din l-versjoni tal-konvenut fl-affidavit tieghu lanqas taqbel ma dak li hemm indikat fid-dikjarazzjoni tieghu annessa mal-istess eccezzjonijiet tieghu a fol. 11 tal-process fejn hemm jghid invece:-

*"Illi l-konvenut jissottometti li dak inhar tal-incident kienu qed isiru gewwa Triq ir-Repubblika, Gharghur numru ta' tiswijiet minghajr ebda indikazzjonijiet u wkoll kien hemm tul it-triq kollha ammont kbir ta' zrar u gebel fin iehor u li*

*kawza ta' dawn ic-cirkostanzi partikolari u kondizzjoni tat-triq sehh l-incident mertu ta' din ic-citazzjoni bil-konsegwenzi kollha".*

Illi hawn wiehed jinnota li lanqas fl-istess dikjarazzjoni ma jissemma l-van gej mid-direzzjoni opposta u wisq inqas li tali vettura kienet jew setghet kienet qed tohloq xi ostakolu jew perikolu lill-konvenut, u dan jaqbel ma dak li sostna l-istess attur meta qal li *"ma kienx hemm traffiku miexi quddiemi u mill-faccata ma kienx gej traffiku ghajr il-car misjuqa mill-konvenut".*

Illi ghalhekk dwar din d-difiza din il-Qorti ma tistax toqghod fuqha, ghaliex mhux biss ma hijiex kredibbli minnha infisha, imma sahansitra kontradetta mill-konvenut innifsu, mill-attur u mis-Surgent tal-Pulizija li investiga l-incident.

Illi dwar l-allegazzjoni li huwa skiddja minhabba xi ramel li kien hemm fl-istess triq fejn jidher li kienu qed isiru xi xoghlijiet fit-triq din ukoll ma tistax tigi accettata stante li jirrizulta li l-munzell ramel kien fuq in-naha tal-attur u mhux fuq in-naha tal-konvenut u dan kif xehed l-istess Surgent fix-xhieda tieghu a fol. 24 tal-process, u ma jidhirx li *a tempo vergine* l-istess konvenut sostna li huwa skiddja minhabba ir-ramel, anzi spjega mal-istess Surgent li kienu biss il-*brakes* ta' quddiem li rabtulu.

Illi apparti dan l-iskid huwa cirkostanza newtrali fid-determinazzjoni ta' responsabilita' u fih innifsu la

jiddetermina l-istess u lanqas jeskludi l-istess responsabilita' ghaliex dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk s-sewwieq kienx qed isuq il-vettura b'mod prudenti b'mod u manjiera li huwa ma ikkawzax l-istess skid jew inkella kien is-sewqan tieghu li kkawza l-istess, u l-konsewgenti telf ta' kontrol tal-vettura tieghu.

Illi infatti fis-sentenza **"Hugh P. Zammit vs Keith Farrugia"** (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001) inghad li :-

*"Dwar l-iskid jinghad, li skond il-gurisprudenza nostrali, tali azzjoni hija ghal kollox newtrali, fis-sens li fiha infisha la tindika responsabbilita' u lanqas nuqqas taghha fir-rigward tas-sewwieq tal-istess vettura, izda sabiex wiehed ikun jista' jattribwixxi r-responsabilita' ghas-sewqan f'kaz ta' skid wiehed irid ihares lejn dawk ic-cirkostanzi kollha li kkawzaw l-istess skid, liema cirkostanzi ovvjament imbaghad jindikaw ir-responsabilita' o meno fis-sewqan tal-persuni involuti.* ***"Alexandra Saliba Sammut vs Joseph Attard"*** *(P.A. RCP. 25 ta' Jannar 2001)".*

Illi mill-fattispecie kollha tal-kaz jirrizulta li 'n effetti l-istess incident gie kkawzat mis-sewqan traskurat tal-konvenut li ma kienx attent ghal dak li kien qieghed quddiemu, b'mod li tilef il-kontrol tal-istess vettura tieghu u spicca habat ma' karozza ipparkjata fuq ix-xellug tieghu li marret bl-impatt ghal fuq il-mutur tal-attur li kien ghaddej fi triqtu fid-direzzjoni opposta, u ghalhekk is-sewqan tal-konvenut kien il-kawza prossima tal-istess incident u ghalhekk it-talbiet

attrici rigwardanti r-responsabilita' tal-incident ghandhom jigu milqugha.

Illi dwar id-danni l-attur permezz tan-nota tieghu tas-27 ta' Marzu 2001 indika li l-hsara sofferta fil-mutur tieghu tammonta ghall Lm1,101.26, u din l-istima hija kkorroborata minn dokumenti esebiti mal-istess nota a fol. 134 u 135 tal-process, apparti li l-istima esebita a fol. 5 tal-process esebita bhala Dok. "A" giet ikkonfermata fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2001, u peress li l-istess spejjez jidhru li huma ragonevoli u jirrizultaw li gew ikkawzati permezz tal-incident *de quo* dawn jidhru li huma id-danni reali sofferti mill-attur, pero' peress li t-talba tal-attur hija limitata ghas-somma ta' Lm1,091 indikata fic-citazzjoni attrici stess, din il-Qorti thoss li ma tistax hlief timxi fuq is-somma attwalment rikjesta fic-citazzjoni attrici u qed tillikwida bhala ammont ta' danni l-istess somma ta' Lm1,091 indikata fl-istess att tac-citazzjoni *de quo.*

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-istess konvenut stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi tas-16 ta' Settembru 1998 fil-Gharghur u ghad-danni li b'rizultat tal-istess soffra l-attur.

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' elf, u wiehed u disghin lira Maltija (Lm1,091);

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta' danni fl-ammont ta' elf, u wiehed u disghin lira Maltija (Lm1,091).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali u tal-ittra ufficjali tal-assikuraturi tal-konvenut *ai termini* tal-**Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta** u bl-imghax min-notifika tac-citazzjoni attrici lill-konvenut fit-18 ta' Novembru 1998 sal-effettiv pagament kontra il-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Mejju 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' Mejju 2002**